Dan il-fuljett huwa parti minn serje miktuba minn infermiera, tobba u esperti b'esperjenza fil-kura tal-anzjani. Is-serje għandha l-għan li tagħmel il-vjaġġ tiegħek fil-kura residenzjali tal-anzjani aktar faċli. Fittex fuljetti oħra dwar mistoqsijiet li għandek tistaqsi dwar ħtiġijiet speċifiċi ta' kura. Dawn jistgħu jitniżżlu minn: **www.10questions.org.au**

Minbarra l-mistoqsijiet li jinsabu f'dan il-fuljett għandek tosserva wkoll l-ambjent ta' kull faċilità waqt li tkun qed iddurha biex tiddeċiedi jekk tridx tgħix hemm.

**Id-dar esidenzjali m'għandux ikollha riħa spjaċevoli.** Dan jista' jindika tindif insuffiċjenti jew immaniġġjar ħażin tal-kontinenza.

**In-nies għandhom ikunu involuti** u mhux viżibbilment imdejjqin u li m'huma jagħmlu xejn, dan jista' jindika nuqqas ta' impjegati jew ta' attivitajiet individwali.

**L-impjegati (inklużi l-maniġers) għandhom jittrattaw ir-residenti b'rispett.** Din se tkun id-dar tiegħek, għandek tistenna li tiġi ttrattat b'rispett. L-impjegati għandhom jirrikonoxxu dan u jiżguraw li jinkluduk fid-diskussjonijiet.

Tista' tibbukkja appuntament biex tistaqsi mistoqsijiet lill-impjegati u lill-maniġment u biex ikollok dawra formali mad-dar. Tista' wkoll tkun tixtieq li iżżur il-post għall-għarrieda, biex tosserva kif wieħed joqgħod fid-dar minn jum għall-ieħor.

Il-proporzjon tan-numru tal-impjegati u l-attivitajiet jistgħu ivarjaw skont jekk hux ġurnata fost il-ġimgħa jew fi tmiem il-ġimgħa għalhekk ipprova żur il-post f'ħinijiet varji.

Ara jekk tistax titkellem ma' residenti oħrajn u mal-qraba tagħhom dwar l-esperjenza personali tagħhom li jgħixu hemmhekk.

Jannar 2023

# HU D-DRITT TIEGĦEK LI TISTAQSI

L-aħjar mod biex issib faċilità residenzjali għall-kura tal-anzjani li taqbel għalik huwa li żżur xi ftit minnhom.

Biex issib dawk fil-lokal tiegħek, jew għal aktar informazzjoni dwar is-servizzi tal-kura tal-anzjani ikkuntattja

**My Aged Care**
**1800 200 422**
**myagedcare.gov.au**

Dan il-fuljett ġie żviluppat u approvat minn:

NSW Nurses & Midwives' Association · CPSA Combined Pensioners & Superannuants Association · Carers NSW Australia · Seniors Rights Service · CSGPN · MCCI Multicultural Communities Council of Illawarra · Professor Dimity Pond PhD BA MBBS FRACGP · COTA New South Wales · Health Consumers NSW · Australian Nursing & Midwifery Federation · Country Women's Association of NSW · QACAG Quality Aged Care Action Group Incorporated · OWN Older Women's Network New South Wales · WEL

Għal lista sħiħa ta' organizzazzjonijiet ta' appoġġ jekk jogħġbok żur **www.10questions.org.au**

Jekk għandek tħassib dwar faċilità residenzjali tal-kura tal-anzjani ikkuntattja:

1800 951 822

Australian Government
Aged Care Quality and Safety Commission

www.agedcarequality.gov.au

# 10 Mistoqsijiet li għandek tistaqsi

DWAR

# FAĊILITAJIET U STIL TA' ĦAJJA FIL-KURA RESIDENZJALI TAL-ANZJANI

(AC LIFESTYLE - MALTESE)

CPSA Combined Pensioners & Superannuants Association · NSW Nurses & Midwives' Association · Carers NSW Australia

**www.10questions.org.au**

## 1 X'tip ta' kamra jista' jkolli?

L-għażliet tal-kamra jista' jkollhom prezzijiet differenti u jista' jkollok bżonn titpoġġa fuq lista ta' stennija għat-tip ta' kamra preferuta tiegħek. Staqsi dak li hu inkluż f'kull kamra u dak li ser ikollok bżonn iġġib. Hemm kmamar għall-koppji? Il-kmamar li tixxerja ma' ħaddieħor kif inhuma allokati, u tista' tibdel il-kmamar jekk ma tmurx tajjeb mal-persuna fil-kamra tiegħek? Int permess li jkollok viżitaturi matul il-lejl?

## 2 Liema żoni komuni għandha d-dar residenzjali?

Jista' jkun hemm żoni komuni bħal ġonna jew kmamar komuni fejn tista' tqatta' l-ħin tiegħek, imma ċċekkja jekk hemmx regolamenti dwar meta tista' taċċessa dawn iż-żoni. Staqsi dwar x'libertà għandek biex iddur fid-dar. Meta tista' tqatta' ħin barra? Hemm spazju biex issegwi l-passatempi u l-interessi li tieħu gost tagħmel?

## 3 Id-dar kif se tappoġġjani fil-ħajja tiegħi ta' kuljum?

Ħafna residenti jeħtieġu xi għajnuna bl-attivitajiet ta' kuljum per eżempju biex iduru madwar il-post, fil-kura personali u biex jieklu. Se tkun tista' tagħżel il-ħin meta tqum, tinħasel, tiekol u meta tmur torqod? Jew dawn l-attivitajiet huma skedati skont kemm hemm impjegati? Kemm ser ikollok bżonn tistenna biex iwiegħbu l-qanpiena tiegħek?

## 4 X'inhu l-proporzjon tan-numru ta' impjegati għan-numru ta' residenti għal kull xift?

Għandek tkun taf kemm minn kull tip ta impjegati, inkluż impjegati tal-attivitajiet, huma pprovduti fuq kull xift. Osserva jekk hemmx biżżejjed impjegati fil-post biex jissorveljaw lin-nies u biex jgħinhom jieklu, imorru fil-kamra tal-banju, jissoċjalizzaw u jiċċaqalqu. X'inhu l-proporzjon matul il-lejl u fi tmiem il-ġimgħa?

## 5 X'attivitajiet soċjali u rikreattivi hemm?

It-terapisti diversjonali huma mħarrġa biex jippjanaw u jwasslu attivitajiet sinifikanti li jappoġġjaw il-benesseri soċjali, mentali u fiżiku. Staqsi biex titkellem mat-terapista diversjonali dwar l-attivitajiet offruti u l-involviment ta' kuljum tagħhom fit-tmexxija tal-attivitajiet. Dawn l-attivitajiet jinteressawk? Se jkollok ċans biex tgħid liema attivitajiet tixtieq tagħmel?

## 6 X'għażliet ta' ikel hemm?

L-ikel jista' jiġi ppreparat fuq il-post, jitwassal lest biex jittiekel jew biex jerġa' jissaħħan. Staqsi dwar il-menu u kemm-il darba jinbidel. Kun żgur li hemm varjetà ta' ikel li jogħġbok u li għandek għażliet minn fejn tagħżel. Kif se jiġu mmaniġġjati r-rekwiżiti tad-dieta speċjali tiegħek?

## 7 Jista' jkolli viżitaturi fi kwalunkwe ħin?

Xi djar għandhom sigħat stretti ta' żjarat u oħrajn huma aktar flessibbli. Staqsi jekk jistax ikollok viżitaturi fi kwalunkwe ħin, jew jekk hemmx ħinijiet tal-ġurnata meta l-viżitaturi ma jitħallewx jiġu. Jistgħu jiġu jżuruk il-pets? Taħt liema ċirkostanzi id-dar residenzjali tista' twaqqaf lill-familja jew lill-ħbieb milli jżuruk?

## 8 Kif ser tgħinni nħossni sigur, komdu u milqugħ?

Din se tkun id-dar tiegħek u huwa importanti li tħossok sigur, milqugħ u appoġġjat kemm mir-residenti kif ukoll mill-impjegati. It-twemmin u l-interessi tiegħek għandhom jiġu rispettati u għandu jkollok kontroll fuq kif tesprimi l-kultura u l-identità tiegħek. Jekk huwa importanti għalik, staqsi jekk hemmx residenti fid-dar li jaqsmu t-twemmin jew l-interessi tiegħek. M'għandekx għalfejn tkun ħbieb ma' kulħadd, imma xorta għandek tkun tista' tirrilassa f'ambjent li jissapportjak.

## 9 Kif jiġu minimizzati t-trasferimenti fl-isptar?

Jista' jkun li ma tiflaħx u jkollok bżonn tmur l-isptar, imma hemm affarijiet li l-impjegati jistgħu jagħmlu biex jitnaqqas il-bżonn ta' trasferimenti fl-isptar u biex jitnaqqas il-ħin li tqatta' l-isptar. Li jkollok mill-inqas infermier wieħed reġistrat (RN) fuq kull xift jista' jnaqqas iċ-ċansijiet ta' ammissjonijiet fl-isptar, għalhekk staqsi kemm hemm impjegati u ikkunsidra jekk dan ikunx biżżejjed għad-daqs tal-post u l-ħtiġijiet tan-nies li jgħixu hemm.

## 10 Se jkolli ċans li nagħti l-opinjoni tiegħi kif titmexxa d-dar?

Hemm korp konsultattiv għall-konsumatur jew korp konsultattiv għall-ħaddiema tal-kura li jagħtu feedback dwar kif qed jitmexxew l-affarijiet? Staqsi dwar kwalunkwe tibdil riċenti li ġie introdott wara kummenti mir-residenti u l-ħaddiema tal-kura. Għandek tistaqsi wkoll dwar kif tagħmel ilmenti u x'jiġri meta jkun hemm nuqqas ta' qbil bejn id-dar u resident jew min jieħu ħsiebu.